SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 01/K10/24**

Data tal-laqgħa: 02 ta' Lulju 2024

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsilier
Mario Amaira – Kunsillier
David Caruana – Kunsillier
Gabriel Borg Ferrando – Kunsillier
Victor Vella – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (1)**

Patricia Camilleri – Kunsilliera

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius Muscat – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana
Ġudikant Dr. Luciano Busutill

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli skond id-dispożizzjoni tal-liġi sejħet il-laqgħa kif ukoll mexxiet l-ewwel parti tal-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**01.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

01.1.01 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri talbet li tiġi skużata għal din il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni

**01.2 Ħatra u Ġurament tas-Sindku;**

01.2.01 Il-ġudikant Dr. Luciano Busutill staqsa lill-Kunsillier Guido Dalli jekk hux ser jaċċetta l-kariga ta' Sindku. Is-Sur Dalli rrisponda li jaċċetta din il-kariga (Kopja ta' l-aċċettazzjoni hija annessa Appendiċi 'A').

01.2.02 Is-Sur Guido Dalli ġie maħtur Sindku u ħa l-ġurament.

**01.3 Ħatra u Ġurament tal-Viċi Sindku**

01.3.01 Il-ġudikant Dr. Luciano Busutill staqsa lill-Kunsillier Sean Gauci jekk hux ser jaċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku. Is-Sur Gauci rrisponda li jaċċetta din il-kariga. Għalhekk is-Sur Sean Gauci ġie maħtur bħala Viċi Sindku u ħa l-ġurament. (Kopja ta' l-aċċettazzjoni hija annessa Appendiċi 'B').

01.3.02 F'dan l-istadju, l-Kunsill iringrazzja lill-Dr. Luciano Busutill, u l-kumplament tal-laqgħa ġiet preseduta mis-Sindku Guido Dalli. Iċ-Ċermen irringrazzja lill-Kunsilliera tal-leġislazzjoni preċedenti tal-ħidma tagħhom fil-Kunsill u huwa ta' spjegazzjoni ta' kif jiffunzjona l-Kunsill minħabba li fil-Kunsill hemm erba' membri ġodda.

**01.4 Tqassim ta' responsabbiltajiet / żoni tal-Kunsilliera;**

01.4.01 Is-Sindku Guido Dalli ressaq it-tqassim ta' responsabbiltajiet u ż-żoni tal-Kunsilliera. (Kopja annessa Appendiċi 'Ċ')

01.4.02 Wara diskussjoni qasira il-Kunsill qabel unanimament mat-tqassim ta' responsabbiltajiet u ż-żoni tal-Kunsilliera.

**01.5 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

01.5.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Tlieta 9 ta' Lulju 2024 fil-5.00p.m.

01.5.02 Il-laqgħa ntemmet fit-6.30p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Malcolm Agius Muscat**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 9 ta' Lulju 2024**